29 ta' Jannar, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Mary Vassallo *versus* John Mizzi et.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-oġġett u r-raġuni ta' talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissrin ċar u sewwa fiċ-ċitazzjoni, u quddiem dawna l-Qorti mhux leċitu li dik il-kawżali tiġi mibdula, jew li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni.*

*Fil-każ preżenti, wieħed mill-konvenuti kien imħarrek bħala lokatur biex, flimkien mal-konvenut l-ieħor, jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex l-attriċi, inkwilina, ikollha l-użu ta' l-ilma li kellha qabel. Irriżulta li dak il-konvenut ma kienx lokatur, u għalhekk ma kellux "ex contractu" l-obbligu li jagħmel dak ix-xogħol bħala tali; imma l-Ewwel Qorti kkundannat lilu wkoll biex jagħmel dak ix-xogħol, għaliex irriżulta li, għalkemm ma kienx lokatur, kien*

*però huwa li kien ipprivu lill-attriċi mill-użu ta' l-ilma, billi ħassar il-pompa li kienet tagħti l-ilma. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għar-rigward ta' dak il-konvenut, billi ma kellux jiġi kundannat fuq kawżali diversa minn dik dedotta kontra tiegħu fl-att taċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attriċi, wara li qalet li hija tikri minn għand il-konvenuti parti mill-post numru 80 Villambrosa Street, l-Ħamrun, bil-kondizzjoni ta' l-użu komuni ta' l-ilma; u li l-konvenuti abużivament u bla dritt qatgħu l-ilma illi jittieħed mill-pompa li hemm fil-post fuq imsemmi billi neħħew parti mill-pompa, u b'hekk arrekaw inkommodu gravi lill-attriċi; talbet illi l-konvenuti jiġu kundannati biex jerġgħu jpoġġu f'lokha l-parti tal-pompa li neħħew, u b'hekk jerġgħu jagħtu lill-attriċi l-użu ta' l-ilma mill-pompa, u jagħmlu dak kollu li hu neċessarju b'ex il-pompa terġa' tiffunzjona; u dana fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa l-Qorti; u fil-każ illi l-konvenuti jonqsu fiż-żmien lilhom mogħti, talbet li tiġi awtorizzata tagħmel, għas-spejjeż tal-konvenuti, kull riparazzjoni jew kull ħaġa li hemm bżonn biex il-pompa terġa' tiffunzjona. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1949, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' April 1950, li biha rrespinġiet il-preġudizzjali dedotta mill-konvenut John Mizzi, bl-ispejjeż bin-nofs bejn il-kontendenti; u laqgħet il-talba ta' l-attriċi kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni; u għall-fini taż-żmien ippreffiġġiet lill-konvenuti tmint ijiem; u jekk f'dan iż-żmien huma jonqsu, awtorizzat lill-attriċi tagħmel hija stess, bl-ispejjeż tal-konvenuti, it-tiswijiet kollha meħtieġa biex il-pompa tkun tista' taħdem; u ordnat li l-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-attriċi jirriżulta li hija kriet il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni.......... bil-kondizzjoni li tagħmel użu mill-ilma tal-pompa........ bil-kera ta' £1. 5. 0 fix-xahar. Hija delħrilha li l-kera kien għoli, u hekk għamlet talba lill-Board li jirregola l-Kera biex jiġi fissat il-kera xieraq ta' dak il-fond — liema kera ġie fissat għal 6s. 8d. fix-xahar; u ġie

ordnat lis-sid biex jirrifondi lill-attriċi £26, ammont ta' kera żejjed li dina kienet ħallset. L-attriċi kitbet lil John Mizzi biex iħallasha dawn is-£26, u immedjatament wara din l-ittra, John Mizzi qata' l-ilma tal-pompa fuq imsemmija.........;

*Omissis;*

Illi l-konvenut John Mizzi jgħid li huwa ma għandux x'jaqsam ma' din il-kawża, għax huwa mhux il-lokatur ta' l-attriċi. Jidher li l-attriċi kriet minn għand Michelangelo Mizzi, imma r-riċevuti dejjem għamilhom John Mizzi, u ffirmahom f'ismu, u mhux f'isem Michelangelo Mizzi. L-attriċi dejjem tkellmet dwar il-kera tal-fond ma' John Mizzi, u darn qatt ma rrivolgiha għand Michelangelo Mizzi...........;

Illi huwa veru li l-attriċi qalet li kienet għamlet kawża kontra l-konvenut John Mizzi u ċedietha, kif jidher, għax hija kien imissha ħarrket lil Michelangelo Mizzi. Dina l-Qorti eżaminat l-attijiet ta' dina l-kawża, li giet deċiża fid-9 ta' April 1949, u minnha jidher........... Konsegwentement l-attriċi ma kienx messha ħarrket lil John Mizzi bħala sid il-fond, għalkemm kien hemm iċ-ċirkustanzi fuq imsemmija. Imma wkoll jekk John Mizzi mhux responsabili tal-qtugħ tal-pompa għax huwa mhuwiex is-sid tal-fond, u mhux veru li kera lill-attriċi, huwa żgur responsabili għax dak il-qtugħ għamlu hu; u l-attriċi għandha azzjoni kontra tiegħu, anki jekk huwa terza persuna, għall-molestja li arrekalha bil-qtugħ ta' dik il-pompa;

Illi għalhekk it-talba attriċi, anki kif inhi diretta kontra l-konvenuti, treġi; u l-unika differenza hija li s-sid tal-fond huwa biss il-konvenut Michelangelo Mizzi. Konsegwentement mhux il-każ tal-liberatorja mitluba minn John Mizzi, għaliex fi kwalunkwe każ dana mill-fatti tal-kawża rriżulta li huwa responsabili lejn l-attriċi, għad li mhux għal kollox skond il-kawżali kif dedotta f'dina ċ-ċitazzjoni. U f'każ li mill-fatti tal-kawża tirriżulta kawżali diversa minn dik dedotta fiċ-ċitazzjoni, il-Qorti tista', minflok li tiddeċidi n-nullità taċ-ċitazzjoni, tipprovdi fuq il-meritu in bażi għall-kriterju ta' l-ekwipollenza (P.A. 26 ta' Ottubru 1935, "Camilleri vs. Abdilla", Vol. XXIX—II—698);

Illi minn dak li ntqal jidher ċar li l-konvenut Michelangelo Mizzi huwa responsabili għall-qtugħ ta' dik il-pompa ta'

l-ilma, għaliex bħala sid huwa obligat li jżomm il-ħaġa mikrija, skond il-ftehim, fi stat li l-attriċi tista' tagħmel użu minnha li għalih ġiet mikrija, u b'mod li dina jkollha t-tgawdija bil-kwiet ta' dik il-ħaġa fiż-żmien kollu mikri; u l-konvenut John Mizzi huwa responsabili għal dak il-qtugħ anki direttament, billi kien huwa li għamlu, apparti jekk huwiex is-sid tal-fond jew le;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata għar-rigward tal-konvenut John Mizzi, billi tiġi konfermata fejn ikkundannat lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tagħha relativi għall-kwistjoni preġudizzjali u revokata għall-kumplament, b'mod li l-istess konvenut John Mizzi jiġi kompletament liberat mid-domandi, jew almenu mill-osservanza talġudizzju, bl-ispejjeż kollha ta' l-ewwel u ta' dina l-istanza; u għar-rigward tal-konvenut Michelangelo Mizzi, billi s-sentenza appellata tiġi revokata, u jiġi deċiż għar-riġett tad-domandi attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-premessa prinċipali, li fuqha huma bażati d-domandi miġjubin biċ-ċitazzjoni, hija dik li l-attriċi kriet........... bil-kondizzjoni ta' l-użu komuni ta' l-ilma. Dawk it-talbiet huma, għalhekk, diretti kontra l-konvenuti in kwantu huma l-pretiżi lokaturi ta' dak il-fond, u in kwantu bħala tali ppromettew lill-attriċi, inkwilina tagħhom, l-użu komuni ta' l-ilma. L-attriċi, fi kliem ieħor, qiegħda taġixxi bis-saħħa taddrittijiet li tippretendi li ġew lilha konċessi "ex contractu" fl-okkażjoni tal-kirja li saritilha tal-parti tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Illi rriżulta mill-provi prodotti fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet (nru. 38 ta' l-1949), maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April 1949, illi l-attriċi appellata kienet taf li l-appellant John Mizzi mhux is-sid tal-fond in kwistjoni, iżda sempliċement il-prokuratur ta' l-appellant l-ieħor, li jiġi z-ziju tiegħu. Irriżulta wkoll mill-provi prodotti f'dina l-kawża li l-lokazzjoni lill-attriċi ġiet magħmula direttament mill-appellant Michelangelo Mizzi, li huwa sid il-post, u li

l-appellant l-iehor anqas kien preżenti. In vista tar-riżultanzi fuq miġjuba, l-azzjoni kif proposta kontra l-appellant John Mizzi mhux sostenibili, billi bażata fuq kawżali li tirriżulta mhix sussistenti. Infatti, skond l-art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-oġġett u r-raġuni tat-talba għandhom ikunu mfissrin ċar u sewwa fl-att taċ-ċitazzjoni; u quddiem dawna l-Qrati mhux leċitu li dik il-kawżali tiġi mibdula jew li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni (ara f'dan is-sens sentenzi ta' dina l-Qorti tat-23 ta' Marzu 1931 in re "Zammit vs. Dr. Cassar", tal-24 ta' Frar 1933 in re "Felice vs. Moore", tal-15 ta' Frar 1939, in re "Mazzitelli vs. Allen", tat-23 ta' Mejju 1947, in re "Farrugia vs. Buttigieg", tas-27 ta' Ġunju 1949, in re "Aquilina vs. Coleiro", tal-14 ta' Novembru 1949, in re "Borg vs. Vincenti", u tal-24 ta' April 1950, in re "Vassallo vs. Dr. Sammut");

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-appell miġjub 'il quddiem mill-konvenut Michelangelo Mizzi jirriżulta b'mod soddisfaċenti li huwa kera parti mill-fond............ Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li dik il-pompa ma baqgħetx tiffunzjona skond l-użu li għalih kienet destinata minħabba fatt kaġunat bix-xjenza u bl-annuwenza ta' l-imsemmi appellant Michelangelo Mizzi, li għalhekk huwa responsabili tal-konsegwenzi mill-istess fatt provokati..............;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell tal-konvenut John Mizzi, billi tilliberah mid-domandi kontra tiegħu miġjubin biċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi. U hekk fir-rigward tiegħu tirrevoka s-sentenza appellata;

U tirrespingi l-appell tal-konvenut Michelangelo Mizzi, billi tikkonferma fir-rigward tiegħu l-imsemmija sentenza, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-15 ta' April 1950; bl-ispejjeż, anki ta' dina l-istanza, kontra tiegħu; b'dan però, li t-terminu ta' tmint ijiem impost b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mil-lum.

---